MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 75/1998/1

Maltacom p.l.c.
U b’degriet tal-5 ta’ Diċembru, 2007
Il-ġudizzju ġie trasfuż f’isem Go plc
Minflok

vs

Emanuel Attard

Il-Qorti,

Rat l-Avviż tas-soċjeta' attriċi, li permezz tiegħu talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat minn din il-Qorti sabiex iħallas lis-soċjeta’ attriċi Maltacom plc, is-somma ta’ mija u tmien liri maltin u tnejn u sebgħin ċenteżmi (Lm 108.72c) rappreżentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 562396 liema servizz ġie installat fil-fond “Joseph”, Triq Wied

seqer, Victoria, Għawdex skond ma kif jidher mill-kopja tas-“service agreement” hawn anness dokument A.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-preżenti, tal-ittra uffiċjali, tat-18 ta’ Marzu, 1998, it-taxxa ETS fuq id-drittijiet professjonali u l-imgħax legali mid-data tal-ittra uffiċċjali kontra l-konvenut, minn issa inġunt għas-subizzjoni.
Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi:

1. Illi huwa qiegħed jikkontesta bħala mhux dovut l-ammont mitlub mis-soċjeta’ attriċi u dan billi t-talba hija infondata fil-jedd u fil-fatt.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fil-jedd u fil-fatt.

Rat in-nota tas-soċjeta' attriċi tat-22 ta' Ottubru 1998 li biha rriduċiet it-talba tagħha għas-somma ta' sitta u sittin lira maltija u disgħin ċenteżmu (Lm 66.90).

Rat id-digriet tagħha ta' l-20 ta' April 2007 fejn ċaħdet it-talba tas-soċjeta' attriċi biex tiġi sfilzata n-nota ta' riduzzjoni tagħha.

Semgħet lill-konvenut jammetti t-talba kif ridotta, imma mhux ukoll il-kap ta' l-ispejjeż.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi x-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat illi:

Din hija talba għall-ħlas ta' servizzi telefoniċi mogħtija mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut. Oriġinarjament il-konvenut kien qed jikkontesta t-talba attriċi billi fil-fehma tiegħu kienet esaġerata. Pero' malli din ġiet ridotta, huwa minnufih ammetta li kellu jħallas it-talba kif hekk ridotta,[1] imma baqa' jikkontesta l-ispejjeż tal-kawża billi, fil-fehma tiegħu ma kellux ibati minħabba l-iżball li kien sar mis-soċjeta attriċi stess.

[1] Ara deposizzjoni tieghu tal-11.10.2006 a fol. 38 - 40 tal-process .

Madankollu ma jirriżultax li l-konvenut qatt ipprova jħallas dan l-ammont kif ridott jew ta' l-inqas jiddepożitah fir-Reġistru ta' din il-Qorti.

Il-Qorti għalhekk u in vista ta' din l-ammissjoni, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talba attriċi kif ridotta, u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' sitta u sittin lira maltija u disgħin ċenteżmu (LM 66.90) pari llum għal mija ħamsa u ħamsin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (EUR 155.88) bl-imgħaxijiet legali b'effett mid-data tan-nota ta' riduzzjoni, u ċioe' mit-22 ta' Ottubru 1998.

L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, jibqgħu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------